TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 189/14-F

**Martin Vella**

**vs**

**Total Mobile**

Illum 29 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 t'Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u erbgħin ewro (€140), rappreżentanti l-prezz ta' *mobile phone* li wara li użah għal ftit drabi, dan kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* li suppost kien adattat għall-abra, illi l-ewwel darba marritlu l-*battery*, it-tieni darba marlu l-*vibration* u t-tielet darba ma bediex jirċievi telefonati għax ma kienx qed ikollu *reception*.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet verbalment illi skond ir-rapport tat-*technician* instab illi l-*mobile phone* instab fih il-konkrit li ma setax jitneħħa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jnnota illi l-intimat verament kien wegħdu *mobile phone* tajjeb, pero' jirriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet, u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888